MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## IAN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2013

Numru 899/2013

**Il-Pulizja**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs**

**Fadel Al Faham Muhsen**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Fadel AL FAHAM MUHSEN ta' 38 sena bin Muhsen u Kadmija Muhsen, imwieled l-Iraq fid-29 ta’ Gunju 1975, residenti f’27, Mariann, Triq Ant. Emm. Caruana, Birkirkara. Detentur karta ta’ l-identita’ Maltija numru 26231A u Permess ta’ Residenza numru MT9268069 fejn gie akkuzat talli f’Mejju 2012 u fix-xhur ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta’ Aussama Benwur (K.I.nru.84107L) u ta’ Mohamed Khalifa Gherbal (K.I.nru.71633A) liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-verbal tas-Seduta ta’ llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur tixhed bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b’heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f’dan l-istadju ta` l-imputat (li ammetta wkoll fl-istqarrija li ta lill-pulizija) qed tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena. Qieset li l-imputat, kif stqarr huwa stess fl-istqarrija, irid li jregga lura l-flus liz-zewg vittmi tal-azzjoni tieghu. Ghal din

il-Qorti, il-fatt tar-restituzzjoni huwa fattur ferm importanti ghaliex wara kollox il-vittmi f'dan il-kaz, bhal ohrajn f'cirkostanzi simili, ikunu jridu li jirkupraw flushom. Qieset illi l-ligi penali ta` pajjizna jipprovdi piena u mekkanizmu specjali fejn l-isforz ikun wiehed li l-vittmi effettivament jirkupraw flushom. U fil-fehema ta` din il-Qorti, is-sanzjoni l-aktar li hi indikata ghac-cirkostanzi ta` dan il-kaz, hija dik ikkontemplata taht l-Artikoli 28A u 28H.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli l-Artikoli 18, 293, 294, 310(a), 28A u 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Fadel Al Faham Muhsen hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal sentejn (2) prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' erba (4) snin millum. In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-hati Fadel Al Faham Muhsen jirrestitwixxi s-somma ta` disat-elef Euro (€9,000) lil Aussama Benwur u s-somma ta` sebgha u ghoxrin elf Euro (€27,000) lil Mohamed Khalifa Gherbal u dana fi zmien sitt xhur mid-data ta` din id-direttiva.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------